# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## IMHALLEF:

## ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Mejju, 2001**

**Numru 3**

**Cit. Nru. 2517/00 GCD**

**Central Cement Limited**

**Vs**

**Anthony Mary sive Antoine u Maria Dolores konjugi Bajada**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi s-socjeta` attrici, konsegwenti ghall-*merger* bejn l-istess socjeta` u s-socjeta` Mediterranean Cement Limited, hi l-attwali proprjetarja ta' diversi fondi f'Coal Wharf, Marsa, originarjament di proprieta` tal-konvenuti konjugi Bajada u minnhom trasferiti lill-imsemmija socjeta` Mediterranean Cement Limited (li llum tinsab *merged* gos-socjeta` attrici) bis-sahha ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella datat 11 ta' Marzu 1994 (Dok. "A" u "B");

Illi ai termini tal-klawsola numru 5 ta' l-imsemmi kuntratt *the company is presently delivering unto vendors who accept the two (2) stores situated at numbers fifty one and fifty two (51 & 52) Coal Wharf, Marsa ... by title of commodatum to be used by vendors gratuitously and this for the period running from today up to the date not being later than five years from the day on which the substitution of the roofs contemplated in clause six letter a (6a) is completed*, ai termini tal-pattijiet u taht il-kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt;

Illi ai termini tal-klawsola numru 6(a) tal-kuntratt datat 11 ta' Marzu 1994 fl-Atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella, *the company shall effect the necessary works to make the same stores fit for vendors needs*;

Illi x-xoghlijiet kontemplati fil-klawsola 6a ta' l-imsemmi kuntratt ta' bejgh datat 11 ta' Gunju 1994, li kellhom jigu ezegwiti fiz-zewg imhazen numru 51 u 52 Coal Wharf, Marsa, gew kompletati u ghalhekk, is-socjeta` Mediterranean Cement Limited (illum *merged* gos-socjeta` attrici), permess ta' ittra indirizzata lill-konvenuti konjugi Bajada datata 25 ta' Settembru 1995 infurmat lill-istess konvenuti konjugi Bajada li dawn ix-xoghlijiet effettivament gew kompletati (Dok. "C");

Illi s-socjeta` Mediterranean Cement Limited permezz ta' ittra ohra indirizzata lill-konvenuti konjugi Bajada datata 7 ta' Mejju 1998, *inter alia*, infurmat lill-istess konvenuti konjugi Bajada li *terminu utili ta' hames snin ghar-rilaxx minnek favur il-klijenti tieghi ta' the two stores situated at numbers fifty one and*

*fifty two (51 & 52) Coal Wharf, Marsa, jiskadi fl-24 ta' Settembru 2000* (Dok. "D");

Illi tali terminu effettivament skada fl-24 ta' Settembru 2000, izda cio` nonostante, u minkejja diversi talbiet mis-socjeta` attrici, il-konvenuti naqsu milli jizgumbraw l-imsemmija zewgt imhazen f'numri 51 u 52, Coal Wharf, Marsa u b'hekk naqsu wkoll milli jirritornaw tali zewgt imhazen lis-socjeta` attrici, l-attwali proprjetarja taghhom, ai termini ta' dak provdut fil-klawsola numru 5 tal-imsemmi kuntratt ta' bejgh datat 11 ta' Marzu 1994, kif premess aktar 'il fuq;

Illi ghalhekk illum il-konvenuti konjugi Bajada qeghdin jokkupaw iz-zewgt imhazen numru 51 u numru 52 f'Coal Wharf, Marsa, bla ebda titolu validu kwalsiasi skond il-ligi, u s-socjeta` attrici trid tottjeni l-kundanna taghhom ghall-izgumbrament minn dawk il-fondi;

Illi jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh taghha billi l-konvenuti konjgi Bajada m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba tas-socjeta` attrici ghall-izgumbrament taghhom mill-imsemmija zewgt imhazen numru 51 u 52 f'Coal Wharf, Marsa (Dok. "E");

Talbet illi din il-Qorti:

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici, bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-artikoli 167 – 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex f'terminu qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti, jizgumbraw miz-zewgt imhazen numru 51 u 52 Coal Wharf, Marsa, liema zewgt imhazen gew koncessi b'titolu ta' commodatum lill-konvenuti konjugi Bajada mis-socjeta` Mediterranean Cement Limited (illum *merged* gos-socjeta` attrici) ai termini tal-klawsola numru tal-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Vella datat 11 ta' Gunju, 1994, u ghaldaqstant jirrilaxxjawhom liberi u vojta a avur tas-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti konjugi Bajada u b'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni bhala kumpens sakemm il-fond jitbattal, spettanti lis-socjeta` attrici fil-konfront ta' l-istess konvenuti konjugi Bajada.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn John Mary Sammut u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenuti fiz-zmien li trid il-ligi, u illi, ghalkemm il-konvenuti talbu li jithallew jikkontestaw it-talba, ma wrewx raguni tajba, imqar prima facie, ghal kontestazzjoni.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez, b'dan illi l-izgumbrament ghandu jsehh wara xahrejn millum.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm